



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Commission for
the Environment,
Climate Change and Energy

ENVE

GDGL Campaign: Handbook

Green Deal
Going Local

Ikkuntattjana hawnhekk:
greendeal@cor.europa.eu

X'inhw l-Manwal dwar il-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali?

Niggwidaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-Tranżizzjoni Ekoloġika

Il-Patt Ekoloġiku huwa **l-istrateġija l-ġdida ta' tkabbir għall-UE**, li għandu l-għan li jmexxi lill-Ewropa lejn stil ta' ħajja aktar sostenibbli u reżiljenti. Essenzjalment, dan huwa pjan direzzjonali mniedi mill-Kummissjoni Ewropea b'reazzjoni għall-obbligi tal-UE biex tindirizza t-tibdil fil-klima u kwistjonijiet ambjentali oħrajn.


Miri u għanijiet rilevanti:

- nintegraw l-oġettiv tan-**newtralità klimatika** għall-2050 fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima;
- innaqqsu l-**emissjonijiet tal-gassijiet serra** għal mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030;
- nistimulaw il-ħolqien ta' **impjiegi ekoloġiċi** u nżommu r-rekord tal-UE li nnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra filwaqt li **nkabbru l-ekonomija tagħha**;
- niżguraw li t-tranżizzjoni tkun **ġusta u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura**;
- inħarsu s-**saħħa u l-benesseri** taċ-ċittadini minn riskji relatati mal-ambjent.

Dan il-**Manwal** iservi ta' gwida għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-**implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku fil-livell lokali u reġjonali**. Jipprovdi assistenza biex **jinstabu l-miżuri adatti** biex jiġu indirizzati l-perikli tat-tibdil fil-klima. Joffri gwida rigward l-**istudji tal-każijiet**, l-**għajnuna finanzjarja** u l-**assistenza teknika** fl-oqsma tal-**adattament**, il-**mewġa ta' rinnovazzjoni** u l-**bijodiversità**.

Kif jaħdem: Nikklikkjaw fil-Manwal

Manwal dwar il-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali



Malta

Tixtieq issir aktar reżiljenti? Skopri l-[adattament](#) għat-tibdil fil-klima u d-diversi miżuri applikabbli għaż-żona klimatika tiegħek.

Tixtieq issir taf aktar dwar kif tirrinnova l-binjiet tiegħek? Skopri l-miżuri tal-mewġa ta' rinnovazzjoni!



Malta

L-Importanza tal-Adattament għall-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali

L-**adattament** huwa ...

- ... il-proċess ta' **aġġustament għall-estremittajiet klimatiċi attwali jew mistennija** u l-effetti tagħhom.
- ... applikabbli għal ambjenti naturali u urbani, implimentat permezz ta' intervent uman.
- ... importanti għall-minimizzazzjoni tal-ħsara.
- ... it-tiftix **ta' soluzzjoni biex ngħixu b'bidliet potenzjali fil-klima.**
- ... differenti mill-mitigazzjoni, li għandha l-għan li tnaqqas il-ħsara kkawżata mit-tibdil fil-klima.

Huwa importanti għall-**awtoritajiet lokali u reġjonali**, peress li ...

- ... l-impatti fiżiċi u l-effetti soċjoekonomiċi assoċjati tat-tibdil fil-klima jvarjaw b'mod sinifikanti fuq livell reġjonali.
- ... ma hemmx **soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd: l-adattament jiddependi mill-kuntest!**

L-**awtoritajiet lokali u reġjonali** għandhom jagħżlu **miżuri ta' adattament imfasslin apposta**, peress li ...

- ... l-impatti tat-tibdil fil-klima diġà jistgħu jinħassu, fuq livell globali, nazzjonali u reġjonali.
- ... il-miżuri nazzjonali jistgħu ma jkunux applikabbli perfettament għaċ-ċirkostanzi lokali u reġjonali.

Dawk li jfasslu l-politika fil-livell reġjonali huma mitluba jiżviluppaw miżuri ta' adattament imfasslin apposta li **jissodisfaw il-ħtiġijiet partikolari tal-komunitajiet tagħhom**. Jistgħu jagħżlu bejn miżuri **griżi, ekoloġiċi u mhux vinkolanti**, li jappartjenu għal ...


- ... **adattament inkrementali**, li jżomm l-essenza ta' sistema; jew
- ... **adattament trasformattiv**, li jibdel l-attributi fundamentali ta' sistema soċjoekoloġika.

Sir af aktar dwar il-miżuri u l-aqwa prassi
b'rabta mal-adattament f'[Malta](#)!

Malta – Agħżel Żona Klimatika

Żoni Kostali

Il-Mediterran



Żoni Kostali u Ibħra Reġjonali

Skopri kif ...

... [niproteġu l-kosti](#)

Minħabba li l-kopertura tas-silġ u tal-borra qed iddub, il-livell tal-baħar mistenni li jogħla, li x'aktarx se jaffettwa ż-żoni kostali u l-ibħra reġjonali permezz taż-żieda fil-livell tal-baħar, l-għargħar kostali u żieda fit-temperaturi ta' wiċċ il-baħar.

... [niġġieldu l-mard](#)

Temperaturi aktar għoljin x'aktarx li jaffettwaw l-aċidità tal-oċeani u jibdlu l-komunitajiet tal-fitoplankton. Barra minn hekk, il-mard trażmess mill-ilma jista' jagħmel ħsara lill-bijodiversità u jwassal għal kwistjonijiet ta' saħħa.

... [nimmaniġġjaw il-potenzjal tas-sajd](#)

L-effetti klimatiċi jistgħu jwasslu għal migrazzjoni lejn it-Tramuntana tal-ispeċijiet tal-baħar, u dan ma jwassalx biss għal opportunitajiet għas-sajd, iżda wkoll għal għadd dejjem jikber ta' żoni marittimi mejtin.

Ir-Reġjun tal-Mediterran

Skopri kif ...

... [nimmaniġġjaw temperaturi aktar għoljin](#)

B'mod speċjali fir-Reġjun tal-Mediterran, it-temperaturi huma mistennija li jogħlew ferm 'il fuq mill-medja Ewropea, li jirriżulta, pereżempju, f'domanda akbar għat-tkessiġ u assistenza medika għal dawk affettwati mill-istress mis-sħana, id-deidratazzjoni u l-kolpi ta' sħana jew xemxati. Barra minn hekk, it-turiżmu tas-sajf jista' jonqos; madankollu staġuni oħra jistgħu jibbenefikaw b'mod pożittiv.

... [nimmaniġġjaw il-provvista tal-ilma](#)

It-temperaturi aktar għoljin flimkien mat-tnaqqis tax-xita fis-sajf jistgħu jirriżultaw f'nixfiet u eventwalment iwasslu għal sħana estrema u għal kompetizzjoni għar-riżorsi tal-ilma bejn utenti differenti, bħall-unitajiet domestiċi privati, l-industrija u s-settur agrikolu.

... [niproteġu l-foresti](#)

Speċjalment f'żoni b'ħafna siġar jew ħaxix/arbuxxelli fil-kampanja, in-nirien fil-foresti jistgħu jinfirxu malajr. Dan jista' jirriżulta fi tnaqqis fil-valur ekonomiku tal-foresti u l-industriji ġirien.

... [niproteġu l-bijodiversità](#)

It-tixrid ta' speċijiet mhux indiġeni, li jheddu l-ekosistemi, il-ħabitats jew speċijiet oħra, x'aktarx huwa riżultat tat-temperaturi li qed jogħlew. Dan jirriżulta wkoll f'ċaqliq 'il fuq tal-ispeċijiet tal-pjanti u tal-annimali u f'riskju akbar ta' telf tal-bijodiversità.

... [niġġieldu l-mard](#)

Temperaturi aktar għoljin x'aktarx jaffettwaw l-espansjoni tal-ħabitats għall-vetturi li jgħorru l-mard fin-Nofsinhar, li jistgħu jirriżultaw f'kundizzjonijiet ħżiena ta' saħħa u tnaqqis fil-produttività tax-xogħol, kif ukoll fi prezzijiet tal-ikel aktar għoljin.

Skopri Kif Nimmaniġġjaw Temperaturi Aktar Għoljin

- [Intejbu l-iżolament termali](#)
- [Tħaddir vertikali](#)
- [Inżidu ż-żoni dellija](#)
- [Bjut ħodor / li jirriflettu](#) u żoni simili
- [Intejbu s-sistemi ta' irrigazzjoni fl-agrikoltura](#)
- [Inżidu ż-żoni ekoloġiċi u nerġgħu nagħtuhom il-
ħajja](#)
- [Parks u funtani](#) fil-bliet
- [Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà](#)
- [Pjani ta' azzjoni għall-mewġiet ta' sħana](#)

Skopri Kif Niproteġu l-Kosti

- [Għaram artifiċjali u riabilitazzjoni tal-għaram](#)
- [Ħitan tal-baħar](#)
- [Restawr tal-bajjiet](#)
- [Ilqugħ għall-għargħar](#)
- [Rilokazzjoni tal-infrastruttura](#) lejn altitudnijiet ogħla
- [Restawr u manutenzjoni tal-pjanuri tal-għargħar](#)
- [Restawr u manutenzjoni ta' artijiet mistagħdra](#)
- [Valutazzjoni / immappjar tal-erożjoni futura](#)
- [Valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà](#)
- L-inklużjoni taż-żieda fil-livell tal-baħar fl-[ippjanar urban futur](#)
- [Stabbilizzazzjoni tal-irdumijiet](#)
- [Tisħiħ tal-irdumijiet](#)

Skopri Kif Nimmaniġġjaw il-Provvista tal-Ilma

- Intejbu [s-sistemi ta' irrigazzjoni](#) fl-agrikoltura
- [Spazji għaż-żamma tal-ilma](#)
- [Inżidu ż-żoni ekoloġiċi fil-bliet](#)
- [Sistemi ta' twissija bikrija](#)
- [Sensibilizzazzjoni dwar il-konsum tal-ilma](#)

Skopri Kif Nipproteġu l-Foresti

- [Agroforestrija](#)
- [Valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà](#)
- [Sistemi ta' twissija bikrija](#)

Skopri Kif Nipproteġu l-Bijodiversità

- [Apparati ta' aspirazzjoni ta' taħt l-ilma](#)
- [Newba tal-għelejjel](#)
- Introduzzjoni ta' [predaturi naturali](#)
- Identifikazzjoni tal-aktar [speċijiet problematiċi](#) u traċċar tal-movimenti tagħhom

Skopri Kif Niġġieldu l-Mard

- Identifikazzjoni [tal-aktar vetturi u patoġeni problematiċi](#) u traċċar tal-movimenti tagħhom
- [Sistemi ta' twissija bikrija](#)
- [Kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-bidla fl-imġiba](#)

Skopri kif Nimmaniġġjaw il-Potenzjal tas-Sajd

- [Apparati ta' aspirazzjoni ta' taħt l-ilma](#)
- Introduzzjoni ta' [predaturi naturali](#)
- Identifikazzjoni tal-aktar [speċijiet problematiċi](#) u traċċar tal-movimenti tagħhom
- [Sistemi ta' twissija bikrija](#)
- [Tqassim f'żoni abbażi tar-riskju](#)

Intejbu l-Iżolazzjoni Termika

Miżuri Griżi

Adattament

Intejbu l-iżolament termali

Hemm diversi għażliet li nistgħu nimplimentaw biex il-bini nagħmluh reżistenti għall-klima fir-rigward ta' temperaturi eċċessivament għoljin. Dawn l-għażliet għandhom rabta mad-disinn tal-bini – inkluż l-użu ta' teknoloġiji tal-IT biex tiġi ottimizzata l-kumdità termika – u l-involukri tal-bini. L-iżolazzjoni termika hija teknoloġija importanti biex innaqqsu l-konsum tal-enerġija fil-bini billi nimpedixxu l-gwadann jew it-telf ta' sħana permezz tal-involukru tal-bini.

L-aqwa prassi:

- Ngħixu f'dar li tintegra siġar u pjanti f'[Torino](#): ngħaqqdu flimkien il-miżuri tal-adattament u tal-mitigazzjoni għal aktar kumdità (l-Italja)
- Nagħmlu l-bini [reżistenti għall-klima](#) kontra s-sħana eċċessiva

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Tħaddir Vertikali

Miżuri Griżi

Tħaddir vertikali

Adattament

Biż-żieda fid-densità urbana u t-tnaqqis fid-disponibbiltà tal-art, it-tħaddir vertikali għie intensifikat sabiex irawwem l-użu tal-veġetazzjoni fiż-żoni urbani. It-tħaddir vertikali għandu diversi implikazzjonijiet pożittivi: jista' jintuża għat-tkessiħ, għall-ġestjoni tal-ilma kif ukoll għall-iżgurar tal-provvista tal-ikel.

L-aqwa prassi:

- [Il-Fattur taż-Żona tal-Bijotopu ta' Berlin](#) (il-Ġermanja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Inżidu ż-Żoni Dellija

Miżuri Ekoloġiċi u Griżi

Inżidu ż-żoni dellija

Adattament

Iż-żieda fl-ammont ta' żoni dellija hija meqjusa bħala waħda mill-aktar strateġiji effiċjenti biex intejbu l-kumdità termika fis-sajf. L-istrateġiji ta' disinn urban jistgħu jintużaw biex tinħoloq kumdità termika aħjar għaż-żoni pedonali fil-bliet matul ix-xhur tas-sajf. Xi wħud minn dawn l-istrateġiji jinkludu l-installazzjoni ta' lqugħ għax-xemx fuq il-bini, it-tħawwil tas-siġar u ż-żieda fid-dell sabiex jiġi miġġieled l-effett gżira ta' sħana urbana.

L-aqwa prassi:

- Il-vulnerabbiltà soċjali għall-mewġiet ta' sħana – mill-valutazzjoni sal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' adattament f'[Košice u Trnava](#) (is-Slovakkja)
- Siġar f'[Barcellona](#) li jtaffu l-klima fil-bliet tal-Mediterran (Spanja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Bjut Ħodor / li Jirriflettu u Żoni Simili

Miżuri Griżi / Ekoloġiċi

Adattament

Bjut ħodor/ li jirriflettu

Bejt aħdar huwa saff ta' veġetazzjoni mħawwel fuq sistema li ma jgħaddix ilma minnha li hija installata fuq bejt ċatt jew bi ftit pendil. Il-bjut ħodor huma magħrufin ukoll bħala bjut veġetattivi jew ekoloġiċi. Dawn jgħinu biex jikkontrollaw l-ilma tax-xeba' tal-maltemp u ż-żamma tiegħu, jassorbu l-ilma żejjed, inaqqsu l-effett gżira ta' sħana urbana, itejbu l-kwalità tal-arja u jiżolaw il-bini.

L-aqwa prassi:

- Bjut ħodor f'[Basel](#): Nikkombinaw il-Miżuri ta' Adattament u ta' Mitigazzjoni
- Erba' pilastri għall-Istrateġija dwar il-Bjut Ħodor ta' [Hamburg](#): inċentivi finanzjarji, djalogu, regolamentazzjoni u xjenza

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Inżidu u Nerġgħu Nagħtu l-Ħajja liż-Żoni Ekoloġiċi

Miżuri Ekoloġiċi

Adattament

Inżidu u nerġgħu nagħtu l-Ħajja liż-żoni ekoloġiċi

L-ispazji ekoloġiċi fil-bliet itaffu l-effetti tat-tniġġis u jistgħu jnaqqsu fenomenu magħruf bħala l-effett gżira ta' sħana urbana, li huwa s-sħana maqbuda fiż-żoni urbani. Dan l-effett jidher fil-bliet b'riżultat tal-attività tal-bniedem. L-ispazji ekoloġiċi urbani, bħall-parks, il-playgrounds u ż-żoni residenzjali mħaddra, jistgħu jippromovu s-saħħa mentali u fiżika u jnaqqsu l-morbożità u l-mortalità f'żoni residenzjali urbani billi jipprovdu rilassament psikoloġiku u tnaqqis tal-istress. L-ekoloġizzazzjoni tal-ambjent fejn ngħixu hija aktar ta' benefiċċju mis-sempliċi saħħa u benesseri. Din tiffaċilita wkoll il-ġestjoni tal-ilma u tippromovi l-bijodiversità fl-abitat, u tista' tgħin biex jitnaqqsu l-effetti tat-tniġġis akustiku.

L-aqwa prassi:

- Tfassil ta' toroq urbani li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent għall-ġestjoni ekoloġika deċentralizzata tal-ilma tax-xita f'[Ober-Grafendorf](#) (l-Awstrija)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Parks u Funtani fil-Bliet

Miżuri Ekoloġiċi

Adattament

Parks u funtani fil-bliet

Il-parks u l-funtani bħala spazji rikreattivi huma aspetti importanti fit-tnaqqis tal-effett għira ta' sħana urbana. It-tiswija ta' funtani storiċi tax-xorb u l-installazzjoni ta' oħrajn ġodda jistgħu jgħinu lin-nies li jesperjenzaw l-effetti negattivi tas-sħana fil-belt peress li jistgħu jużaw l-ilma biex jiffriskaw jew biex jixorbu. L-ilma miftuħ jista' jnaqqas it-temperatura tal-arja bl-evaporazzjoni, l-assorbiment tas-sħana u t-trasport tas-sħana peress li l-effett tat-tkessiĥ tal-ilma ġieri huwa akbar minn dak tal-ilma qiegħed. Ir-raxx tal-ilma minn funtana għandu effett ta' tkessiĥ saħansitra akbar minħabba l-erja tas-superfiċe tal-kuntatt bejn l-ilma u l-arja, li jstimula l-evaporazzjoni. Anke t-tixrib tat-toroq għandu effett ta' tkessiĥ. Dan l-aħjar isir filgħodu u waranofsinar f'dawl tax-xemx dirett. Il-funtani jistgħu jnaqqsu t-temperaturi tal-arja tal-madwar bi 3°C u l-effett ta' tkessiĥ tagħhom jista' jinħass sa 35 metru 'l bogħod. Il-funtani għandhom ukoll impatt soċjali, peress li jistgħu jintużaw mit-tfal bħala playgrounds u jistgħu jservu bħala postijiet fejn jiltaqgħu n-nies fil-parks u l-pjazez.

L-aqwa prassi:

- [Stuttgert](#): il-ġlieda kontra l-effett għira ta' sħana urbana u l-kwalità ta' sħana tal-arja b'kurituri ta' ventilazzjoni u infrastruttura ta' dawl (il-Ġermanja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Pjani ta' Azzjoni kontra l-Mewġiet ta' Sħana

Miżuri Mhux Vinkolanti

Pjani ta' azzjoni għall-mewġiet ta' sħana

Adattament

Sabiex jittejjeb ir-rispons tas-saħħa pubblika għal temperaturi estremi u mewġiet ta' sħana, il-proġett [EuroHEAT](#) ikkwantifika l-effetti tas-sħana fuq is-saħħa fil-bliet fir-Reġjun Ewropew u identifika għażliet għat-titjib tat-tnejja tas-sistemi tas-saħħa u r-reazzjonijiet tagħhom biex jiproteġu s-saħħa. Il-messaġġ ewlieni tal-proġett huwa li s-sħana hija ta' theddida għas-saħħa u t-tibdil fil-klima qed iżid l-okkorrenza tal-mewġiet ta' sħana. L-effetti fuq is-saħħa tat-temp sħun jistgħu jiġu pprevenuti u jistgħu jiġu adottati strateġiji u miżuri tas-saħħa pubblika. Il-prevenzjoni teħtieġ portafoll ta' azzjonijiet f'livelli differenti, inklużi: sistemi ta' twissija bikrija meteoroloġika; pariri mediċi; servizzi tas-saħħa mmirati lejn gruppi partikolarment vulnerabbli; numri tat-telefown għal informazzjoni u assistenza mingħajr ħlas; twassil tal-ikel u kura fid-djar.

L-aqwa prassi:

- Operazzjoni tal-Pjan Portugiż ta' [Kontinġenza kontra l-Mewġiet ta' Sħana](#)
- [Pjan ta' Azzjoni](#) kontra l-Mewġiet ta' Sħana għall-Ingilterra
- Pjan Awstrijak għall-[Protezzjoni kontra s-Sħana](#)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Sistemi Sostenibbli tad-Drenaġġ

Miżuri Griżi

Adattament

Sistemi sostenibbli tad-drenaġġ

Sistemi sostenibbli tad-drenaġġ jipprovdu alternattiva sabiex l-ilma tal-wiċċ jiġi mgħoddi minn miġriet fil-qrib, minflok ma jispiċċa direttament f'networks ta' pajpijiet u fil-kanali tad-drenaġġ. Dawn huma partikolarment tajbin biex inaqqsu l-għargħar, itejbu l-kwalità tal-ilma, inaqqsu t-tniġġis u jipprovdu ħabitats għall-organiżmi selvaġġi.

L-aqwa prassi:

- Il-ġestjoni tal-ilma tal-maltemp urban f'[Augustenborg](#), Malmö (l-Iżvezja)
- Il-ġestjoni tal-ilma tal-maltemp f'Växjö – il-kanal Linnaeus u l-laguni tal-lag ta' [Växjö](#) (l-Iżvezja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Imbankmenti u Digi

Miżuri Griżi

Imbankmenti u digi

Adattament

L-imbankmenti u d-digi jeħtieġu manutenzjoni u tiżiħ regolari biex iżommu l-kapaċitajiet ta' protezzjoni tagħhom u jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza. Barra minn hekk, ix-xenarji klimatiċi, f'dak li jirrigwarda l-livell tal-baħar li qed jogħla u l-kundizzjonijiet estremi tat-temp, jistgħu jwasslu għal rekwiżiti ġodda ta' sikurezza u l-bini ta' protezzjonijiet ġodda fuq punti dgħajfa identifikati jew li daww eżistenti jissaħħu jew isiru aktar għoljin. It-tiżiħ tal-imbankmenti u d-digi jista' jżid l-istabbiltà u r-reżistenza tagħhom kontra t-tigriġ tal-imbankmenti, eż. billi jissaħħaħ il-ġewwieni tal-imbankmenti, jew billi jittejbu l-karatteristiċi tas-superfiċe tal-imbankmenti li jikkontribwixxu għall-istabbiltà ġenerali tagħhom. Sir af aktar dwar l-imbankmenti u d-digi [hawnhekk](#).

L-aqwa prassi:

- Implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv integrat għas-Sikurezza Kostali fil-[Flanders](#) (il-Belġju)
- Il-ġestjoni reġjonali tal-għargħar billi jiġu kkombinati soluzzjonijiet ta' inġinerija, magħrufin bħala “soft” u “hard”, [Norfolk Broadlands](#) (ir-Renju Unit)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

Twessigħ tal-Fossijiet fil-Ġnub tat-toroq

Miżuri Griżi

Adattament

Twessigħ tal-fossijiet fil-ġnub tat-toroq

Wieħed mill-iskopijiet tal-iskular tal-ilma mit-toroq huwa li jiġi evitati akkumulazzjonijiet mhux sikuri ta' ilma tax-xita fuq wiċċ it-triq. Foss miftuħ jippermetti li l-ilma jiskula kompletament minn wiċċ ta' triq. Barra minn hekk, dan iwaqqaf l-ilma b'mod kontinwu milli jgħaddi minn fuq wiċċ it-triq għall-art li tmiss mat-triq. Għal dawn ir-raġunijiet, foss fil-ġenb tat-triq inaqqas il-probabbiltà li l-ilma jakkumula fuq wiċċ it-triq jew qribu. It-twessigħ ta' dawn il-fossijiet jgħin biex jakkumula l-ilma.

L-aqwa prassi:

- L-integrazzjoni tal-adattament fil-ġestjoni tal-ilma għall-protezzjoni mill-għargħar f'[Isola](#) Vicentina (l-Italja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Innaqqsu u Niftħu l-Uçuħ Issiġillati

Miżuri Griżi

Adattament

Innaqqsu u niftħu l-uçuħ issiġillati

L-uçuħ issiġillati, bħal uçuħ artifiċjali impenetrabbli, bħall-qatran, jistgħu jikkawżaw inkonvenjent mill-ilma lokali jekk iseħħu avvenimenti aktar frekwenti ta' xita estrema. B'dan qed issir distinzjoni bejn l-inkonvenjent tal-ilma mid-drenaġġ wara preċipitazzjoni estrema fis-sajf u inkonvenjent tal-ilma mill-passaġġi fuq l-ilma wara preċipitazzjoni estiża, fenomenu aktar tipiku fix-xhur tax-xitwa. Il-ftuħ ta' uçuħ issiġillati diġà eżistenti u t-tnaqqis tal-eżistenza ta' dawn l-uçuħ issiġillati jistgħu jipprevjenu l-għargħar fil-bliet u jgħinu biex jassorbu l-ilma.

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Intejbu s-Sistemi ta' Irrigazzjoni fl-Agrikoltura

Miżuri Griżi

Adattament

Intejbu s-sistemi ta' irrigazzjoni fl-agrikoltura

F'żoni fejn ix-xita mhix regolari jew frekwenti biżżejjed, hemm bżonn ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi agrikoli bħal tisqija addizzjonali biex l-għelejjel jinżammu f'saħħithom. Sistema ta' irrigazzjoni hija l-mod artifiċjali u sistematiku kif l-ilma jitwassal fil-ħamrija permezz ta' diversi networks ta' pajpijiet, pompi u traxxix. Hemm diversi metodi ta' irrigazzjoni fl-agrikoltura, li jinkludu sistemi ta' tisqija bil-qatra, tisqija bil-friefet, irrigazzjoni bil-pern ċentrali, sistemi ta' tisqija bir-raded u irrigazzjoni mtarrġa. It-titjib tas-sistemi tal-irrigazzjoni sabiex l-ilma jintuża b'mod aktar effettiv u sostenibbli huwa kruċjali biex nikkonservaw l-ilma. Aktar informazzjoni hija disponibbli [hawnhekk](#).

L-aqwa prassi:

- It-titjib tal-istruttura tal-ħamrija ta' azjenda agrikola tal-għelejjel li jinħartu fid-distrett ta' [Heilbronn](#) (il-Ġermanja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Manutenzjoni u Restawr tal-Irdumijiet tal-Muntanji

Miżuri Griżi

Manutenzjoni u restawr tal-irdumijiet tal-muntanji

Adattament

L-irdumijiet tal-muntanji fil-biċċa l-kbira huma ibsin, magħmulin mill-ġebela tal-franka, ġebel ramli, granit u blat ieħor. L-irdumijiet tal-blata huma kkaratterizzati minn uqigħ tal-blata jew uqigħ ta' blokko massivi tal-blata. L-erożjoni tal-irdumijiet hija kważi dejjem ir-riżultat ta' erożjoni strutturali, li tirriżulta fi tnaqqir gradwali tal-kosta minħabba li l-ammont ta' naqal li jitmermer (blata, ċaġhaq jew ramel) jaqbeż l-ammont ta' naqal depożitat. Biex titnaqqas l-erożjoni tal-irdumijiet u l-konsegwenzi tagħha – uqigħ tal-art, kollass, uqigħ ta' blat – it-tekniki li jsaħħu l-irdumijiet għandhom l-għan li jsaħħu u jżidu l-istabbiltà ġenerali tax-xaqliba billi jimminimizzaw il-pressjonijiet fuq iż-żoni tal-art. Ċerti tekniki jipproteġu wkoll siegħ l-irdum kontra l-erożjoni tal-baħar, fattur ewlieni fit-tiżni tal-irdumijiet. It-tekniki jinkludu t-tiswir mill-ġdid tal-irdumijiet, id-drenaġġ tal-irdumijiet, l-applikazzjoni ta' boltijiet fil-blata jew il-ġeogrilji rinfurzati u xbieki bbultjati.

L-aqwa prassi:

- L-indirizzar tal-erożjoni kostali fir-[Reġjun tal-Marche](#) (l-Italja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Monitoraġġ tal-Permafrost u tal-Glaċieri

Miżuri Mhux Vinkolanti

Adattament

Monitoraġġ tal-permafrost u tal-glaċieri

L-għan ġenerali tal-monitoraġġ tal-permafrost u tal-glaċieri huwa li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-perikli naturali li jirriżultaw mill-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-permafrost u l-glaċieri alpini. Permezz tal-ħolqien ta' monitoraġġ u bl-iżvilupp ta' strateġija komuni biex jiġu indirizzati perikli relatati mal-permafrost, il-monitoraġġ jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u l-implimentazzjoni ta' prattiki ta' governanza tajba. Ir-riżultati jistgħu jipprovdu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-awtoritajiet responsabbli bil-bażijiet għad-deċiżjonijiet u l-istrateġiji meħtieġa biex jindirizzaw il-perikli b'rabta mal-permafrost.

L-aqwa prassi:

- Strateġija ta' adattament għall-klima għaż-[żona ta' Grimsel](#) fl-Alpi Żvizzeri (l-Iżvizzera)
- Network ta' Monitoraġġ fit-Tul dwar il-Permafrost ([PermaNET](#))

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Turiżmu Mingħajr Karozzi / Turiżmu Sostenibbli

Miżuri Mhux Vinkolanti

Adattament

Turiżmu mingħajr karożżi / turiżmu sostenibbli

It-turiżmu sostenibbli jirreferi għal prattiki sostenibbli eżistenti fl-industrija tat-turiżmu u dawk maħluqin minnha. Dan għandu l-għan li jimminimizza l-impatti negattivi, bħar-rilokazzjoni ekonomika, il-ħsara lill-ambjent naturali u l-iffullar, u jimmassimizza dawk pożittivi, eż. il-ħolqien tal-impjiegi, il-preservazzjoni u l-interpretazzjoni tal-wirt kulturali, il-preservazzjoni tal-organiżmi selvaġġi u r-restawr tal-pajsaġġ. Il-programm tan-NU għall-Ambjent u l-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu tan-NU jiddefinixxu t-turiżmu sostenibbli bħala “turiżmu li jqis b’mod sħiħ l-impatt attwali u futur fuq l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent biex jissodisfa l-bżonnijiet tal-viżitaturi, tal-industrija, tal-ambjent u tal-komunitajiet ospitanti.”

L-aqwa prassi:

- [L-ippjanar tat-turiżmu sostenibbli u l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-Alpi](#): studju tal-każ tat-turiżmu tax-xitwa fil-komunitajiet ta’ żoni muntanjużi fid-Dolomiti (ara wkoll [hawnhekk](#))
- Il-promozzjoni tal-koevoluzzjoni tal-attivitajiet tal-bniedem u tas-sistema naturali għall-iżvilupp ta’ turiżmu sostenibbli kostali u marittimu ([CO-EVOLVE](#))

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta’ Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Għaram Artifiċjali u Riabilitazzjoni tal-Għaram

Miżuri Griżi

Adattament

Għaram artifiċjali u riabilitazzjoni tal-għaram

L-għaram artifiċjali huma strutturi maħdumin li jirriproduċu l-forma tal-għaram naturali, ħafna drabi b'mod simili għal katina. Dawn huma mibnijin b'ramel miġjub minn żona ta' sors estern u ffurmati f'għaram bl-użu ta' bulldozers, restawr ta' għaram eżistenti jew mezzji oħra. Ħafna drabi dan isir flimkien mar-restawr tal-bajjiet.

L-aqwa prassi:

- Implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv integrat għas-Sikurezza Kostali fil-[Flanders](#) (il-Belġju)
- Sand Motor – bini b'soluzzjoni naturali biex tittejjeb il-protezzjoni kostali tul il-kosta ta' [Delfland](#) (in-Netherlands)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Ħitan tal-baħar

Miżuri Griżi

Ilqugħ għal kontra l-qawwa tal-baħar

Adattament

Ħajt tal-baħar [seawall] huwa struttura magħmula minn konkrit, ġebel jew planki, mibnjin b'mod parallel max-xatt fit-tranżizzjoni bejn il-bajja u l-art ewlenija jew l-għaram, bħala protezzjoni għaż-żona interna kontra l-azzjoni tal-mewġ u l-prevenzjoni tal-erożjoni kostali. Normalment, il-ħitan tal-baħar huma strutturi massivi mfasslin biex jirreżistu l-mareġġati. L-għoli ta' ħajt tal-baħar ikopri mill-inqas id-differenza bejn il-livell tal-bajja u l-art ewlenija, għalkemm normalment dawn aktar jinbnew biex jiproteġu l-art kontra l-mewġ eċċessiv. Dawn jintużaw ukoll biex jistabbilizzaw it-tmermir tal-irdumijiet u jiproteġu t-toroq u l-insedjamenti kostali. Il-quċċata tal-ħajt ħafna drabi testendi għal parti mgħottija bil-ġebel li tista' tintuża għal triq, promenade jew żona ta' parkeġġ. Ħajt tal-baħar johlq separazzjoni distinta bejn il-bajja u l-art ewlenija. Il-ħitan tal-baħar ħafna drabi ssibhom fil-każ ta' bajjiet dojq jew li jinsabu f'diżlivell qawwi, fejn taljamar tipiku jkun kbir wisq jew mhux ekonomikament vijabbli.

L-aqwa prassi:

- Strateġija ta' difiża kostali kontra l-għargħar f'[Timmendorfer Strand](#) (il-Ġermanja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Restawr tal-Bajjiet

Miżuri Griżi

Adattament

Restawr tal-bajjiet

Ir-restawr tal-bajjiet huwa t-tqegħid artifiċjali ta' ramel fuq kosta milquta mill-erożjoni biex jinżamm l-ammont ta' ramel preżenti fil-pedament tal-kosta. B'dan il-mod, l-erożjoni naturali tiġi kkontrobalanċjata u ż-żona tiġi protetta iżjed kontra l-mareġġati. Iż-żrar u ċ-ċaġġhaq żgħir jistgħu jintużaw ukoll, b'mod partikolari għall-wiċċ tax-xatt. Ir-restawr tal-bajjiet ħafna drabi jkollu l-għan li jżomm il-bajjiet għal skopijiet turistiċi u rikreattivi. Il-proċess jinvolti materjal mit-tħammil, b'hal ramel u ċaġġhaq li jinġieb minn żona lil hinn mill-kosta jew minn fuq l-art, biex jintuża għar-restawr tal-bajja fejn tkun qed isseħħ l-erożjoni. It-teknika ilha tintuża fl-Ewropa sa mill-bidu tal-ħamsinijiet. Din hija Prattika komuni fid-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, Spanja u r-Renju Unit. Għal aktar informazzjoni dwar it-tekniki differenti, ara [hawnhekk](#).

L-aqwa prassi:

- Implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv integrat għas-Sikurezza Kostali fil-[Flanders](#) (il-Belġju)
- Sand Motor – bini b'soluzzjoni naturali biex tittejjeb il-protezzjoni kostali tul il-[kosta ta' Delfland](#) (in-Netherlands)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Ilqugħ għall-Għargħar

Miżuri Griżi

Ilqugħ għall-għargħar

Adattament

L-ilqugħ għall-għargħar jikkonsisti f'installazzjonijiet fissi li jippermettu li l-ilma jgħaddi f'kundizzjonijiet normali u li jkollhom xatbiet jew paratiji li jistgħu jingħalqu f'każ ta' mareġġati jew f'marea wara qamar kwinta biex jiġi evitat l-għargħar. Dawn jistgħu jagħlqu l-bokka fejn ix-xmara tiltaqa' mal-baħar jew il-passaġġi fuq l-ilma. Dan l-ilqugħ jista' jikkonsisti f'sistemi infrastrutturali ewlenin, li ħafna drabi jkunu marbutin ma' miżuri oħrajn ta' protezzjoni kontra l-għargħar, bħall-imbankmenti, il-ħitan tal-baħar u r-restawr tal-bajjiet. Dawn normalment jintużaw biex jiproteġu l-insedjamenti urbani u l-infrastruttura milquta ħafna mill-mareġġati u l-għargħar tal-baħar.

L-aqwa prassi:

- Implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv integrat għas-Sikurezza Kostali fil-[Flanders](#) (il-Belġju)
- Ix-xatba Maeslantkering, fuq in-Nieuwe Waterweg bejn Rotterdam u l-Baħar tat-Tramuntana, tagħlaq kanal tat-tbaħħir b'wisa' ta' 360 metru (ix-xatba nnifisha tikkonsisti f'2 partijiet, li kull waħda hija wiesgħa 210 m u għolja 22 m).

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Rilokazzjoni tal-Infrastruttura lejn Altitudnijiet Ogħla

Miżuri Griżi

Adattament

Rilokazzjoni tal-infrastruttura għal altitudnijiet ogħla

It-tibdil fil-klima se jwassal għal tfixkil sinifikanti għan-negozji, li fl-aħħar mill-aħħar jista' jeħtieġ bidla ġeografika tal-attivitajiet kummerċjali u industrijali lil hinn minn reġjuni affettwati ħafna mit-tibdil fil-klima. Dan jista' jkun dovut għal tfixkil dirett permezz tal-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-operazzjonijiet tan-negozju, pereżempju permezz ta' għargħar jew żieda fil-livell tal-baħar, jew minħabba tfixkil fil-bażi tal-fornitur, tax-xerrej jew tar-riżorsi tagħhom li jwasslu għal effetti kollaterali u konsegwenzi negattivi għalihom. Id-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni tan-negozji jistgħu jaġixxu bħala reazzjonijiet adattivi għat-tibdil fil-klima.

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Tiŝiħ tal-Irdumijiet

Miżuri Griżi

Adattament

Tiŝiħ tal-irdumijiet

L-irdumijiet kostali jistgħu jiġu differenzjati skont il-morfoloġija u l-istruttura tagħhom: l-irdumijiet jistgħu jkunu rotob – ramel, ħama, tafal, lom u ġibs – jew ibsin – tal-franka, ġebba tar-ramel, granit u blat ieħor. L-irdumijiet rotob huma aktar suxxettibbli għall-erożjoni u l-uqigħ tal-art mill-irdumijiet tal-blat u huma aktar ikkaratterizzati minn uqigħ tal-blat jew uqigħ ta' blokko massivi tal-blat. L-erożjoni tal-irdumijiet fiż-żoni kostali hija kważi dejjem ir-riżultat ta' erożjoni strutturali, li twassal għat-tnaqqir gradwali tal-kosta minħabba li l-ammont ta' naqal li jitmermer (blat, ċaġhaq jew ramel) jaqbeż l-ammont ta' naqal depożitat. Biex titnaqqas l-erożjoni tal-irdumijiet u l-konsegwenzi tagħha – uqigħ tal-art, kollass, uqigħ ta' blat – it-tekniki li jsaħħu l-irdumijiet għandhom l-għan li jsaħħu u jżidu l-istabbiltà ġenerali tax-xaqliba billi jimminimizzaw il-pressjonijiet fuq iż-żoni tal-art. Ċerti tekniki jipproteġu wkoll sieq l-irdum kontra l-erożjoni tal-baħar, fattur ewlieni fit-tiŝiħ tal-irdumijiet. It-tekniki jinkludu t-tiswir mill-ġdid tal-irdumijiet, id-drenaġġ tal-irdumijiet, l-applikazzjoni ta' boltijiet fil-blat jew il-ġeogrilji rinfurzati u xbieki bbultjati.

L-aqwa prassi:

- L-indirizzar tal-erożjoni kostali fir-[Reġjun tal-Marche](#) (l-Italja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Stabbilizzazzjoni tal-Irdumijiet

Miżuri Ekoloġiċi

Adattament

Stabbilizzazzjoni tal-irdumijiet

L-irdumijiet kostali jistgħu jiġu differenzjati skont il-morfoloġija u l-istruttura tagħhom: l-irdumijiet jistgħu jkunu rotob – ramel, ħama, tafal, lom u ġibs – jew ibsin – tal-franka, ġebba tar-ramel, granit jew blat ieħor. L-irdumijiet rotob huma aktar suxxettibbli għall-erożjoni u l-uqigħ tal-art mill-irdumijiet tal-blat u huma aktar ikkaratterizzati minn uqigħ tal-blat jew uqigħ ta' blokok massivi tal-blat. L-erożjoni tal-irdumijiet fiż-żoni kostali hija kważi dejjem ir-riżultat ta' erożjoni strutturali, li twassal għat-tnaqqir gradwali tal-kosta minħabba li l-ammont ta' naqal li jitmermer (blat, ċaġhaq jew ramel) jaqbeż l-ammont ta' naqal depożitat. It-tekniki ta' stabbilizzazzjoni tal-irdumijiet kostali jnaqqsu l-erożjoni tal-irdum u l-konsegwenzi tagħha – uqigħ tal-art, kollass, uqigħ ta' blat. Fil-prattika, l-istabbilizzazzjoni tal-irdumijiet u t-tiżni tal-irdumijiet ħafna drabi jiġu kkombinati. It-tekniki ta' stabbilizzazzjoni jinkludu metodi biex tiżdied l-istabbiltà tax-xaqliba u miżuri biex titnaqqas l-erożjoni mill-baħar f'sieq l-irdum.

L-aqwa prassi:

- L-indirizzar tal-erożjoni kostali fir-[Reġjun tal-Marche](#) (l-Italja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Restawr u Manutenzjoni tal-Pjanura tal-Għargħar

Miżuri Ekoloġiċi

Restawr u manutenzjoni tal-pjanura tal-għargħar

Adattament

Il-pjanuri tal-għargħar ikopru 7 % taż-żona kontinentali Ewropea. Madankollu, il-biċċa l-kbira tagħhom ġarrbu ħsara ambjentali. L-iżvilupp ta' strateġiji għall-preservazzjoni tal-pjanuri tal-għargħar huwa essenzjali, peress li l-pjanuri tal-għargħar restawrati jipprovdu alternattiva għall-miżuri strutturali biex jiġi indirizzat ir-riskju akbar ta' għargħar, li jfisser li jistgħu jaġixxu bħala buffers. Fl-istess ħin, ir-restawr tal-pjanuri tal-għargħar jgħin biex jinkisbu servizzi tal-ekosistema ta' kwalità ogħla bħal kwalità mtejbja tal-ilma, kundizzjonijiet imtejbja għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u valur rikreattiv imtejjeb.

L-aqwa prassi:

- Restawr tax-xmajjar urbani: strateġija sostenibbli għall-ġestjoni tal-ilma tal-maltemp f'[Lodz](#) (il-Polonja)
- Kuritur ekoloġiku tan-[naħa ta' isfel tad-Danubju](#): ir-restawr tal-pjanuri tal-għargħar għall-protezzjoni mill-għargħar (il-Bulgarija, ir-Rumanija)
- Ir-restawr tad-dinamika tax-xmajjar: Spazju għax-[Xmara Regge](#) (in-Netherlands)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Restawr u Manutenzjoni ta' Artijiet Mistagħdra

Miżuri Ekoloġiċi

Adattament

Restawr u manutenzjoni ta' artijiet mistagħdra

L-artijiet mistagħdra kostali huma artijiet mistagħdra tal-ilma mielaħ u tal-ilma salmastru li jinsabu f'żoni kostali. Dawn jipprovdu difiżi naturali kontra l-għargħar kostali u l-mareġġati minħabba d-dissipazzjoni tal-enerġija mill-mewġ u t-tnaqqis tal-erożjoni, li jgħinu biex jiġi stabbilizzat in-naqal tal-kosta. F'xi postijiet, l-artijiet mistagħdra kostali jistgħu jintużaw biex jassorbu l-ilmijiet tal-mareġġati, u b'hekk itaffu l-għargħar. L-artijiet mistagħdra kostali huma ħabitats importanti, pereżempju jipprovdu funzjoni ta' żona ta' tkabbir għall-ħut u l-frott tal-baħar bil-qoxra u varjetà ta' servizzi għall-għasafar u jistgħu jikkontribwixxu għall-purifikazzjoni tal-ilma. Ir-restawr tal-artijiet mistagħdra kostali u r-riallinjament ġestit qed jitqiesu dejjem aktar bħala miżuri għall-adattament.

L-aqwa prassi:

- Ir-restawr tal-ħabitats u l-ġestjoni integrata fid-[delta tal-Ebro](#) biex jittejbu l-protezzjoni tal-bijodiversità u r-reżiljenza għall-klima (Spanja)
- Restawr adattiv ta' dawk li qabel kienu salini f'[Camargue](#) (Franza)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

L-Inklużjoni taż-Żieda fil-Livell tal-Baħar fl-Ippjanar Urban Futur

Miżuri Mhux Vinkolanti

L-Inklużjoni taż-Żieda fil-livell tal-baħar fl-ippjanar urban futur

Adattament

Iż-żieda fil-livell tal-baħar toħloq sfidi kbar għall-użu tal-art kostali, u għalhekk għall-proċessi tal-ippjanar urban. Fit-teorija, l-ippjanar urban jista' jwassal għal rispons għaż-żieda fil-livell tal-baħar li huwa sostenibbli mil-lat soċjali u ambjentali. Fil-prattika, il-proċessi ta' ppjanar urban jistgħu ma jilħqux dan l-ideal. Biex ikun sostenibbli, l-ippjanar urban jeħtieġ li: jiffaċilita s-sjieda lokali tar-rispons għall-adattament; jibni azzjoni kollettiva fi ħdan u bejn il-komunitajiet lokali u l-fergħat u l-livelli differenti ta' gvern; u li jiġi applikat b'mod ġust fil-livell tal-ispazju u ż-żmien.

L-aqwa prassi:

- It-tibdil fil-klima u l-iżvilupp spazjali: Strateġiji ta' adattament għall-ippjanar urban u reġjonali fir-reġjuni urbani taż-żoni kostali bbażati fuq l-eżempju tar-[Reġjun Baltiku](#)
- Sħubija pubblika-privata għal distrett ġdid reżistenti għall-għargħar f'[Bilbao](#) (Spanja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Agroforestrija

Miżuri Ekoloġiċi

Adattament

Agroforestrija

Is-sistemi agroforestali jinkludu s-sistemi kollha tal-użu tal-art jew il-forom kollha tal-ġestjoni tal-art, li permezz tagħhom il-perenni tal-injam jintużaw deliberatament fl-istess unità ta' art bħall-għelejjel agrikoli u/jew l-animali. L-agroforestrija tisfrutta l-komplementarjetà bejn is-siġar u l-għelejjel, sabiex ir-riżorsi disponibbli jkunu jistgħu jiġu sfruttati b'mod aktar effettiv. Il-verżjonijiet effiċjenti u moderni tal-agroforestrija jippermettu d-diversifikazzjoni tal-attività tal-azjendi agrikoli u jagħmlu użu aħjar mir-riżorsi ambjentali. L-agroforestrija tista' tiġi implimentata kemm f'reġjuni tropikali kif ukoll f'reġjuni moderati, bil-għan li tipproduċi ikel u fibra għal sigurtà nutrizzjonali aħjar, tikkontribwixxi għas-sostenn tal-għajxien, tnaqqas il-faqar u tippromovi ambjenti agrikoli produttivi u reżiljenti. Barra minn hekk, tista' ttejjeb l-ekosistemi permezz tal-ħżin tal-karbonju, il-prevenzjoni tad-deforestazzjoni, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, ilma aktar nadif u l-kontroll tal-erożjoni, u fl-istess ħin tiżgura li l-artijiet agrikoli jkunu reżistenti għall-għargħar u n-nixfa.

L-aqwa prassi:

- L-agroforestrija: l-agrikoltura tal-futur? Il-każ ta' [Montpellier](#) (Franza)
- Adattament awtonomu għan-nixfiet f'sistema agrosilvipastorali f'[Alentejo](#) (il-Portugall)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Spazji għaż-Żamma tal-Iлма

Miżuri Ekoloġiċi

Adattament

Spazji għaż-żamma tal-ilma

Il-miżuri għaż-żamma naturali tal-ilma huma dawk li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw u jtejbju l-potenzjal tal-ħżin tal-ilma tal-pajsaġġi, tal-ħamrija u tal-akwiferi, billi jirrestawraw l-ekosistemi, il-karatteristiċi naturali u l-karatteristiċi tal-miġriet u bl-użu ta' proċessi naturali. Huma jappoġġjaw l-infrastruttura ekoloġika billi jikkontribwixxu għal għanijiet integrati li jittrattaw il-konservazzjoni, ir-restawr u l-pajsaġġ tan-natura u tal-bijodiversità. Dawn jużaw in-natura biex jirregolaw il-fluss u t-trasport tal-ilma sabiex inaqqsu l-livelli massimi u jimmoderaw l-avvenimenti estremi, bħall-għargħar, in-nixfiet, id-deżertifikazzjoni u s-salinazzjoni. Dawn huma għażla ambjentali aħjar għall-ġestjoni tar-riskju tal-għargħar, peress li jiġu fil-forma ta' lagi u għadajjar deċentralizzati. L-ispażji għaż-żamma tal-ilma jtejbju l-kwalità tal-ilma u huma rilevanti kemm fiż-żoni rurali, kif ukoll f'dawk urbani.

L-aqwa prassi:

- Miżuri għaż-żamma naturali tal-ilma fiż-[Żona ta' Altovicentino](#) (l-Italja)
- Il-Pjan ta' Ġestjoni Cloudburst: L-ekonomija tal-ġestjoni tax-xita qawwija u l-ilma tal-maltemp f'[Copenhagen](#) (id-Danimarka)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Inżidu ż-Żoni Ekoloġiċi fil-Bliet

Miżuri Ekoloġiċi

Inżidu ż-żoni ekoloġiċi fil-bliet

Adattament

Iż-żoni urbani ekoloġiċi jtejbu l-bijodiversità u t-tixrid tal-ispeċijiet tal-annimali fil-pajsaġġ urban. Jekk jifasslu b'mod adegwat, iż-żoni ekoloġiċi jistgħu jtejbu l-ventilazzjoni urbana, u jippermettu li arja aktar friska esterna tippenetra ż-żoni b'densità ogħla ta' bini. Iż-żoni ekoloġiċi urbani jħallu wkoll effetti pożittivi fuq is-saħħa tal-bniedem, jipprovdu tkessiħ permezz ta' dell u evapotraspirazzjoni mtejbja, u b'hekk inaqqsu l-effett gżira ta' sħana urbana li jseħħ f'ħafna bliet. Ħafna drabi ż-żoni m'ħaddra jkunu mhedda mill-espansjoni tal-istrutturi tal-bliet, li għandhom żoni naturali frammentati, li joħolqu rqajja' żgħira ta' spazji m'ħaddra fost il-bini u t-toroq. Pereżempju, l-irqajja' ta' msaġar urbani huma ġeneralment separati minn xulxin, u dan jaffettwa l-kapaċità ta' ħafna speċijiet ta' msaġar li jixterru, jew li jiċċaqilqu bejn postijiet differenti b'habitats simili. Il-kurituri ekoloġiċi jew il-konnessjonijiet bejn l-imsaġar, il-ġonna jew spazji ħodor urbani oħra huma rikonoxxuti bħala mod kif jiġu limitati l-effetti negattivi tal-frammentazzjoni. Il-ħolqien ta' żoni u kurituri m'ħaddra jista' jkun applikabbli fil-parti l-kbira taż-żoni urbani.

L-aqwa prassi:

- Siġar f'[Barcellona](#) li jtaffu l-klima fil-bliet tal-Mediterran (Spanja; ara [hawnhekk](#) ukoll)
- L-integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima fl-ippjanar urban: l-iżvilupp mill-ġdid ta' żoni urbani griżi f'[Jena](#) (il-Ġermanja)
- [Stuttgart](#): il-ġlieda kontra l-effett gżira ta' sħana urbana u l-kwalità ta' sħana tal-arja b'kurituri ta' ventilazzjoni u infrastruttura ħadra-blu (il-Ġermanja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Sensibilizzazzjoni dwar il-Konsum tal-Ilma

Miżuri Mhux Vinkolanti

Sensibilizzazzjoni dwar il-konsum tal-ilma

Adattament

Il-ġestjoni adegwata tal-provvista tal-ilma għas-setturi differenti kollha hija kruċjali, speċjalment f'żoni li huma affettwati mis-sħana u minn tnaqqis fil-preċipitazzjoni. Il-pjani ta' ġestjoni tan-nixfa li jnaqqsu r-riskji u l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tan-nixfa huma ta' għajjnuna. Il-pjani għall-konservazzjoni tal-ilma għandhom l-għan li: jillimitaw il-konsum tal-ilma; inaqqsu t-telf u l-ħela tal-ilma; itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-ilma; jiddokumentaw il-livell ta' riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-ilma; u jestendu l-ħajja tal-provvisti attwali tal-ilma billi jnaqqsu d-domanda għall-ilma. Barra minn hekk, l-użu ta' provvisti tal-ilma eżistenti b'mod aktar effiċjenti jista' jnaqqas id-domanda għall-ilma u jimminimizza l-impatti ambjentali u l-ispejjeż assoċjati mal-iżvilupp ta' provvisti ġodda. Il-pjani għall-konservazzjoni tal-ilma u dawk b'rabta man-nixfa jinkludu linji gwida u rekwiżiti li jirregolaw il-konservazzjoni tal-ilma u l-kontinġenza f'sitwazzjoni ta' nixfa għall-fornituri pubbliċi tal-ilma iżda wkoll permezz ta' restrizzjonijiet fuq l-użu tal-ilma, skemi ta' razzjonar, tariffi speċjali tal-ilma jew it-tnaqqis ta' użi ta' valur baxx. L-elementi bażiċi u l-kontenut tal-pjani ta' konservazzjoni tal-ilma u dawk b'rabta man-nixfa jinsabu [hawnhekk](#).

L-aqwa prassi:

- [Zaragoza](#): il-kombinazzjoni ta' sensibilizzazzjoni u miżuri finanzjarji biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-ilma
- L-iżgurar tal-provvista futura tal-ilma fil-livell reġjonali u lokali fil-[Wied tax-Xmara Lavant](#), Kärnten (l-Awstrija)
- Investiment privat fi programm ta' monitoraġġ tat-tnixxija biex ilaħħaq mal-iskarsezza tal-ilma f'[Liżbona](#) (il-Portugall)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Apparati ta' Aspirazzjoni ta' Taħt l-Ilma

Miżuri Griżi

Adattament

Apparati ta' aspirazzjoni ta' taħt l-ilma

Jistgħu jintużaw apparati ta' aspirazzjoni ta' taħt l-ilma biex jassorbu l-algi invażivi. Dawn l-apparati ta' taħt l-ilma li jaħdmu bil-vakwu jaspiraw l-alga invażiva u jerġgħu jagħtu l-ħajja u nifs ġdid lil, pereżempju, skollijiet tal-qroll fgati. Dawn għadhom ma ntużawx b'mod estensiv, madankollu ġew użati f'xi żoni bħall-Oċean tal-Hawaii.

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Tqassim f'Żoni Abbażi tar-Riskju

Miżuri Mhux Vinkolanti

Adattament

Tqassim f'żoni abbażi tar-riskju u l-għażla tas-siti għall-marikultura

L-għażla adegwata tas-siti għandha l-għan li tiżgura li ż-żieda fil-produzzjoni tal-frott tal-baħar issir f'żoni u għal speċijiet b'potenzjal għal tkabbir sostenibbli. It-tqassim f'żoni abbażi tar-riskju u l-għażla tas-siti jistgħu jgħinu biex jiġu evitati akwati partikolarment vulnerabbli għar-riskji klimatiċi u jintgħażlu l-aktar postijiet adegwati għall-ispeċijiet tat-trobbija, meta jitqiesu kemm l-istat attwali kif ukoll l-isfidi li jġib miegħu t-tibdil fil-klima fuq perjodu ta' żmien medju sa twil. Il-proċess ġenerali jgħin biex jiġi minimizzat it-telf ekonomiku possibbli li jista' jirriżulta minn għażliet li ma jqisux kull riskju u kull preokkupazzjoni.

L-aqwa prassi:

- ClimeFish: Il-ħolqien konġunt ta' qafas ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet biex tiġi żgurata [produzzjoni sostenibbli tal-ħut](#) fl-Ewropa fid-dawl tat-tibdil fil-klima

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

In-Newba tal-Għelejjel

Miżuri Ekoloġiċi

Adattament

In-newba tal-għelejjel

In-newba tal-għelejjel hija l-prattika tat-tkabbir ta' serje ta' tipi differenti ta' għelejjel fl-istess żona matul sekwenza ta' staġuni tat-tkabbir. Dan inaqqas id-dipendenza minn sett wieħed ta' nutrijenti, il-pressure tal-pesti u tal-ħaxix ħażin, u l-probabbiltà li jiġu żviluppati pesti u ħaxix ħażin reżistenti. Ir-rotazzjoni ta' għelejjel differenti kull sena żżid diversi benefiċċji ekonomiċi u ambjentali. Din għandha l-iżjed fil-mira tagħha r-rivitalizzazzjoni tal-ħamrija u l-prevenzjoni tal-infezzjoni mill-pesti. Għalhekk, din tgħin fil-ġestjoni fit-tul tal-ħamrija u tal-azjendi agrikoli.

L-aqwa prassi, it-tnejn li huma fil-qafas tal-proġett [AgriAdapt](#):

- Diversifikazzjoni tal-għelejjel u ġestjoni mtejbja tal-ħamrija għall-adattament għat-tibdil fil-klima f'[Segovia](#) (Spanja)
- It-titjib tal-istruttura tal-ħamrija ta' azjenda agrikola tal-għelejjel li jinħartu fid-distrett ta' [Heilbronn](#) (il-Ġermanja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Introduzzjoni ta' Predaturi Naturali

Miżuri Ekoloġiċi

Adattament

Introduzzjoni ta' predaturi naturali

Predaturi jew għedewwa naturali huma organiżmi li jeqirdu jew inaqqsu l-potenzjal riproduttiv ta' speċi oħra. Il-biċċa l-kbira tagħhom jiġu introdotti min-nies biex inaqqsu l-għadd ta' organiżmu ieħor u biex jiżguraw il-kontroll bijoloġiku, bħall-introduzzjoni ta' molluski għall-kontroll tal-algi. Il-predaturi naturali għandhom dejjem jiġu introdotti b'kawtela minħabba l-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi mhux mixtieqa.

L-aqwa prassi:

- It-tibdil fil-klima: Lura għall-futur għall-[predaturi tal-baħar](#)
- Ir-restawr tal-ħabitats u l-ġestjoni integrata fid-[delta tal-Ebro](#) (ara wkoll [hawnhekk](#)) biex jittejjbu l-protezzjoni tal-bijodiversità u r-reżiljenza għall-klima (Spanja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Identifikazzjoni u Traċċar tal-Iżjed Speċijiet Problematiċi

Miżuri Mhux Vinkolanti

Identifikazzjoni tal-iżjed speċijiet problematiċi u t-traċċar tal-movimenti tagħhom

Adattament

Ċerti speċijiet jiġu affettwati ħafna mit-tibdil fil-klima, speċjalment minn temperaturi aktar għoljin. Dan jista' jwassal biex l-ispeċijiet iħossu l-ħtieġa li jiċċaqalqu u jfittxu ħabitats naturali oħrajn. Dan ma jaffettwax biss l-għajxien tal-ispeċijiet innifishom, iżda wkoll tal-ekosistema kollha. L-identifikazzjoni tal-ispeċijiet li huma l-aktar affettwati mit-tibdil fil-klima u t-traċċar tal-movimenti tagħhom huma kruċjali biex jiġu salvati kemm l-ispeċijiet kif ukoll l-ekosistema kollha.

L-aqwa prassi:

- [Il-Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà](#) tal-Ispeċijiet tal-Ħut u tal-Invertebrati fi Klima li qed Tinbidel
- L-Impatti tat-Tibdil fil-Klima fuq l-[Invertebrati Ewropej](#), b'referenza għall-vulnerabbiltà tal-ispeċijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna (ara wkoll [hawnhekk](#))
- Inizjattiva ta' Riċerka dwar l-Osservazzjoni Globali fl-Ambjenti Alpini ([GLORIA](#))

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Identifikazzjoni u Traċċar tal-Iżjed Vetturi u Patoġeni Problematiċi

Miżuri Mhux Vinkolanti

Adattament

Identifikazzjoni tal-iżjed vetturi u patoġeni problematiċi u traċċar tal-movimenti tagħhom

Il-vetturi huma organiżmi ħajjin li jistgħu jittrażmettu patoġeni infettivi bejn il-bnedmin, jew mill-annimali għall-bnedmin. Ħafna minn dawn il-vetturi huma insetti li jerdgħu d-demm, jibilgħu mikroorganiżmi li jipproduċu l-mard waqt l-inġestjoni tad-demm minn ospitant infettat (bniedem jew annimal) u aktar tard jittrażmettuhom lil ospitant ġdid, wara li l-patoġenu jkun irreplika. Ħafna drabi, ladarba vettur isir infettiv, dan ikun kapaċi jittrażmetti l-patoġenu għall-bqija ta' ħajtu matul kull gidma / inġestjoni tad-demm sussegwenti. L-identifikazzjoni u t-traċċar tal-iżjed vetturi u patoġeni problematiċi huma kruċjali sabiex tiġi evitata t-trażmissjoni ta' mard dannuż.

L-aqwa prassi:

- Kodiċi ta' identifikazzjoni "bil-maqlub" għall-[ispeċijiet tan-nemus](#)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Promozzjoni tal-Assigurazzjoni

Miżuri Mhux Vinkolanti

Adattament

Promozzjoni tal-assigurazzjoni

L-assigurazzjoni hija kruċjali biex titrawwem l-istabbiltà ekonomika u soċjali, speċjalment għall-abitanti ta' żoni suxxettibbli għar-riskju. Il-promozzjoni tal-assigurazzjoni għall-individwi u l-intrapriżi ż-żgħira u ta' daqs medju hija importanti. Dawn jistgħu jaġixxu bħala għodod għall-ġestjoni tar-riskju.

L-aqwa prassi:

- Kumpanija tal-assigurazzjoni li tappoġġja azzjoni ta' adattament f'intrapriżi żgħira u ta' daqs medju f'[Turin](#) (l-Italja)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Kampanji ta' Għarfien għal Tibdil fl-Imġiba

Miżuri Mhux Vinkolanti

Adattament

Kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-bidla fl-imġiba

Is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku hija importanti biex jiżdied l-entużjażmu u jiġu appoġġjati u stimulati l-azzjoni u l-mobilizzazzjoni fil-livell tal-individwi, kif ukoll biex jiġu mobilizzati l-għarfien u r-riżorsi lokali. Il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni jistgħu jindirizzaw gruppi ta' persuni f'reġjun affettwat minn theddida partikolari għall-klima, gruppi ta' partijiet interessati jew il-pubbliku ġenerali. Is-sensibilizzazzjoni teħtieġ strateġiji ta' komunikazzjoni effettiva biex jintlaħaq l-eżitu mixtieq. L-għan tal-kampanji ta' sensibilizzazzjoni ġeneralment jinkludi tħassib dejjem akbar, l-għoti ta' informazzjoni lill-udjenza fil-mira, il-ħolqien ta' immaġni pożittiva, u t-tibdil fl-imġiba. Kampanji kbar ta' sensibilizzazzjoni dwar it-tibdil fil-klima ħafna drabi jkunu taħlita ta' miżuri ta' adattament, mitigazzjoni, effiċjenza enerġetika u sostenibbiltà.

L-aqwa prassi:

- [Zaragoza](#): il-kombinazzjoni ta' sensibilizzazzjoni u miżuri finanzjarji biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-ilma
- L-iżgurar tal-provvista futura tal-ilma fil-livell reġjonali u lokali fil-[Wied tax-Xmara Lavant](#), Kärnten (l-Awstrija)
- [Pjattaforma ta' crowdfunding ta' Ghent](#) li twettaq l-adattament għat-tibdil fil-klima permezz tal-ekoloġizzazzjoni urbana (il-Belġju)

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

ENVE



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Sistemi ta' Twissija Bikrija u Valutazzjonijiet tal-Vulnerabbiltà

Miżuri Mhux Vinkolanti

Sistemi ta' twissija bikrija u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà

Adattament

Is-sistemi ta' twissija bikrija u l-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà huma elementi ewlenin tal-adattament għat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri. Dawn għandhom l-għan li jevitaw u jnaqqsu l-ħsarat ikkawżati mill-perikli. Is-sinifikat ta' sistema effettiva ta' twissija bikrija jinsab fir-rikonoxximent tal-benefiċċji tagħha min-nies lokali. Is-sistemi ta' twissija bikrija jinkludu d-detezzjoni, l-analiżi, it-tbassir u t-tixrid tat-twissijiet, segwiti minn teħid ta' deċiżjonijiet u implimentazzjoni ta' rispons. Biex tkun effettiva u kompluta, sistema ta' twissija bikrija jeħtieġ li tinkludi erba' elementi li jinteraġixxu: għarfien dwar ir-riskju; servizzi ta' monitoraġġ u twissija; it-tixrid u l-komunikazzjoni; u l-kapaċità ta' reazzjoni. Dawn jistgħu jintużaw biex...

... nivvalutaw il-vulnerabbiltà għal temperaturi għoljin: tbassir online tal-mewġiet tas-sħana ([EuroHEAT](#));
... nikkumbattu n-nirien fil-foresti: Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti ([EFFIS](#));
... nivvalutaw it-tnaqqis fil-preċipitazzjoni u n-nixfiet tas-sajf: Osservatorju Ewropew tan-Nixfa ([EDO](#));
... inbassru l-għargħar: Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar ([EFAS](#));
... nivvalutaw it-tidwib tal-kopertura tas-silġ u t-tnaqqis tal-permafrost ([PermaNET](#));
... nivvalutaw l-uqigħ tal-art u l-uqigħ ta' blat, bħal fil-[proġett ProtectBio](#) fl-Iżvizzera;
... nivvalutaw u nimmappjaw l-erożjoni futura;
... nikkumbattu l-mard: Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ([ECDC](#)) u n-Network Ewropew tal-Aeroallerġeni ([EAN](#)).

Sir af aktar dwar il-[Programmi ta' Finanzjament](#)

Sir af aktar dwar l-[Assistenza Teknika](#)

Sezzjoni tal-Informazzjoni: X'inhuma l-Miżuri Ekoloġiċi, Griżi u Mhux Vinkolanti?

Miżuri griżi...

... għandhom fil-mira tagħhom l-infrastruttura fiżika u jiddependu minn soluzzjonijiet teknoloġiċi biex in-nies u l-postijiet ikunu mgħammra aħjar għall-konsegwenzi ta' klima li qed tinbidel. Il-miżuri griżi jinkludu firxa wiesgħa ta' interventi għat-trasformazzjoni tal-ambjent mibni. Xi eżempji huma interventi għall-infrastruttura vitali, titjib fl-infrastruttura ta' bini kritiku, kif ukoll l-iżvilupp ta' proġetti ta' ppjanar urban b'mod li jitnaqqas it-theddid minn avvenimenti klimatiċi.

Miżuri ekoloġiċi...

... jagħmlu bidliet fl-ambjent mibni billi jużaw soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu inqas għaljin biex jiġu implimentati u jistgħu jipprovdu benefiċċji oħra, bħal faċilitajiet jew benefiċċji mtejbja għan-natura u l-bijodiversità. Dawn il-miżuri ħafna drabi jirrappreżentaw soluzzjonijiet "mingħajr, jew bi ffit, dispjaċiri" għat-titjib tar-reżiljenza tas-sistemi umani, minħabba li se jkomplu jagħtu benefiċċji anke jekk l-impatti klimatiċi ma jseħħux jew ikunu inqas serji milli antiċipat. Miżuri bħal dawn ħafna drabi jissejġu infrastruttura ekoloġika (jew infrastruttura blu jekk jikkonċernaw ekosistemi akkwatiċi) jew miżuri ta' adattament ibbażati fuq l-ekosistema.

Miżuri mhux vinkolanti...

... jinkludu inizjattivi ta' politika, legali jew amministrattivi li għandhom l-għan li jibdli l-imġiba, iżidu l-kapaċità ta' adattament tan-nies, tan-negozji u tal-awtoritajiet pubbliċi, jew jibnu l-għarfien u l-għarfien espert. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni, sistemi ta' twissija bikrija jew l-għoti ta' għodod ta' informazzjoni lill-partijiet interessati rilevanti bħall-impatt tat-tibdil fil-klima u l-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà jew tar-riskju, u t-teħid ta' assigurazzjoni kontra d-danni minn avvenimenti estremi tat-temp.

Adattament tal-Finanzjament: Programmi

- [Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej](#) (FSIE)
 - Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
 - [Azzjoni Innovattiva Urbana](#)
 - [Kooperazzjoni Territorjali Ewropea](#)
 - Fond ta' Koeżjoni ([FK](#))
 - Fond Soċjali Ewropew+ ([FSE+](#))
 - Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ([FAEŻR](#))
 - Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura ([FEMSA](#))
- Programm [LIFE](#) ta' CINEA
- [Fond għal Tranżizzjoni Ġusta](#)
- [Invest EU](#)
- [Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa](#)
- [Mekkaniżmu ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli tal-UE](#)
- [Orizzont Ewropa](#)
- [Fond għall-Innovazzjoni](#)



Adattament tal-Finanzjament: FSIE

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ([FSIE](#)) jinkludu l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd. Aktar minn nofs il-finanzjament tal-UE jitwassal permezz ta' dawn il-fondi. Dawn jiffukaw l-aktar fuq ħames oqsma: ir-riċerka u l-innovazzjoni; it-teknoloġiji diġitali; l-appoġġ għall-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju; il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali; u l-appoġġ għan-negozji ż-żgħar.



Adattament tal-Finanzjament: FEŻR

Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ([FEŻR](#)) għandu l-għan li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni Ewropea billi jikkoreġi żbilanċi bejn ir-reġjuni. Bejn l-2021 u l-2027 dan se jippermetti investimenti f'Ewropa aktar intelliġenti, aktar ekoloġika, aktar konnessa u aktar soċjali li tkun eqreb taċ-ċittadini tagħha. Il-FEŻR jiffinanzja programmi b'responsabbiltà kondiviża bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri. L-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jagħżlu liema proġetti se jiffinanzjaw u jieħdu r-responsabbiltà għall-ġestjoni ta' kuljum.



Adattament tal-Finanzjament: FEŻR

Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

Fi ħdan il-FEŻR, hemm żewġ inizjattivi oħrajn: [Azzjonijiet Innovattivi Urbani](#) u l-[Kooperazzjoni Territorjali Ewropea \(Interreg\)](#).

L-Azzjonijiet Innovattivi Urbani huma inizjattiva tal-Unjoni Ewropea li tipprovdi riżorsi liż-żoni urbani fl-Ewropa kollha biex jittestjaw soluzzjonijiet ġodda u mhux ippruvati biex jindirizzaw l-isfidi urbani. Fi ħdan il-programm Interreg, l-Unjoni Ewropea tippromovi l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni u l-pajjiżi biex tgħin l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom u tindirizza l-ostaklu tal-fruntieri. Dan huwa organizzat taħt diversi fergħat, bħal [Interreg A](#) għall-kooperazzjoni transfruntiera, [Interreg B](#) għall-kooperazzjoni transnazzjonali u [Interreg C](#) għall-kooperazzjoni interreġjonali.



Adattament tal-Finanzjament: FK

Fond ta' Koeżjoni

Il-Fond ta' Koeżjoni ([FK](#)) jappoġġja proġetti fil-qasam tal-ambjent u tan-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport. Għall-perjodu 2021-2027, dan jikkonċerna l-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja. 37 % tal-allokazzjoni finanzjarja ġenerali tiegħu huma mistennija li jikkontribwixxu għall-oġġettivi klimatiċi.



Adattament tal-Finanzjament: FSE+

Fond Soċjali Ewropew Plus+

Il-Fond Soċjali Ewropew Plus+ ([FSE+](#)) jinvesti fin-nies, b'enfasi fuq it-titjib tal-opportunitajiet ta' impjieg u edukazzjoni fl-Unjoni Ewropea kollha. Il-baġit għall-perjodu 2021-2027 jammonta għal kważi EUR 100 biljun. Dan jipprovdi kontribut importanti għall-politiki tal-UE dwar l-impjieg, is-soċjetà, l-edukazzjoni u l-ħiliet, inklużi r-riformi strutturali f'dawn l-oqsma. Barra minn hekk, għandu wkoll l-għan li jtejjeb is-sitwazzjoni tal-iżjed persuni vulnerabbli li huma f'riskju ta' faqar.



Adattament tal-Finanzjament: FAEŻR

Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

Il-politika agrikola komuni tappoġġja l-vitalità u l-vijabbiltà ekonomika taż-żoni rurali. L-iżvilupp rurali huwa t-tieni pilastru tagħha. Dan jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali billi jrawwem il-kompetittività, jiżgura l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika, u jikseb żvilupp territorjali bbilanċjat tal-ekonomiji u l-komunitajiet rurali. Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ([FAEŻR](#)) jammonta għal EUR 95,5 biljun.



Adattament tal-Finanzjament: FEMSA

Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura ([FEMSA](#)) jgħin lis-sajd jadotta prattiki tas-sajd sostenibbli u lill-komunitajiet kostali biex jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom, u b'hekk itejjeb il-kwalità tal-ħajja tul il-kosti Ewropej. Dan jappoġġja l-politika komuni tas-sajd tal-UE, il-politika marittima tal-UE u l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani. Jipprovdi appoġġ għall-iżvilupp ta' proġetti innovattivi li jiżguraw li r-riżorsi akkwatiċi u marittimi jintużaw b'mod sostenibbli. Dan iwassal għas-sigurtà tal-ikel permezz tal-provvista ta' prodotti tal-frott tal-baħar, it- tkabbir ta' ekonomija blu sostenibbli u ibħra u oċeani sani, sikuri u ġestiti b'mod sostenibbli.



Adattament tal-Finanzjament: LIFE

L-Istrument ta' Finanzjament tal-UE għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika

Il-programm LIFE tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent huwa l-istrument ta' finanzjament tal-UE għall-ambjent u l-azzjoni klimatika. Dan għandu l-għan li jappoġġja proġetti fl-oqsma tan-[natura u l-bijodiversità](#); [l-ekonomija ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja](#); [il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih](#); u [t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa](#). Dan jappoġġja lill-applikanti u jipprovdi informazzjoni dwar premjijiet, pubblikazzjonijiet u l-bidu ta' proġetti.

Is-sottoprogramm dwar il-[mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih](#) jikkofinanzja proġetti li jappoġġjaw l-operat tal-Patt Klimatiku Ewropew; l-attivitajiet ta' finanzjament sostenibbli; is-sensibilizzazzjoni; it-taħriġ u l-bini tal-kapaċitajiet, l-iżvilupp tal-għarfien; u l-partekipazzjoni tal-partijiet interessati fl-oqsma tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.



Adattament tal-Finanzjament: Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

Il-[Fond għal Tranżizzjoni Ġusta](#) (JTF) huwa strument finanzjarju fi ħdan il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għall-perjodu 2021-2027, u huwa l-ewwel pilastru tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li għandu l-għan li jikseb in-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. Il-Fond jappoġġja t-territorji l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika biex tiġi evitata żieda fl-inugwaljanzi reġjonali, f'konformità mal-għan tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE li tnaqqas id-disparitajiet reġjonali u li tindirizza l-bidliet strutturali fl-UE. Il-Kummissjoni waqqfet Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta (ara l-Assistenza Teknika f'dan il-manwal) biex tgħin lill-pajjiżi u r-reġjuni tal-UE jaċċessaw l-appoġġ disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta.



Adattament tal-Finanzjament: InvestEU

InvestEU

Il-Fond [InvestEU](#) jiġbor flimkien 13-il strument finanzjarju tal-UE ġestiti ċentralment u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi fi strument wieħed. Dan huwa strument ibbażat fuq is-suq u mmexxi mid-domanda, b'enfasi qawwija fuq il-prijoritajiet ta' politika tal-UE. Jappoġġja proġetti fl-oqsma tal-infrastruttura sostenibbli, ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, l-intrapriżi ż-żgħir u ta' daqs medju, u l-investiment soċjali u l-ħiliet.



Adattament tal-Finanzjament: Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa

Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa

Il-[Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa](#) (FNE) tappoġġja l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej bi prestazzjoni għolja, sostenibbli u interkonnessi b'mod effiċjenti fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u s-servizzi diġitali. Minbarra għotjiet, l-FNE toffri appoġġ finanzjarju għall-proġetti permezz ta' strumenti finanzjarji innovattivi bħalma huma garanziji u bonds tal-proġetti. Dawn l-istrumenti joħolqu ingranaġġ sinifikanti fl-użu tagħhom tal-baġit tal-UE u jaġixxu bħala xprun biex jattiraw aktar finanzjament mis-settur privat u atturi oħra tas-settur pubbliku.



Adattament tal-Finanzjament: Mekkaniżmu ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli tal-UE

II-Mekkaniżmu ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli tal-UE

Biex tappoġġja aħjar il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, u b'hekk tneġġeġ użu akbar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-UE kollha, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-[Mekkaniżmu ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli](#). L-oġettiv ewlieni tiegħu huwa li jippermetti lill-Istati Membri jaħdmu aktar mill-qrib flimkien fl-adozzjoni u l-promozzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, sabiex ikunu jistgħu jilħqu b'mod aktar faċli kemm il-miri individwali kif ukoll dawk kollettivi b'rabta mal-enerġija rinnovabbli. Il-mekkaniżmu se jagħti spinta wkoll lill-proġetti rinnovabbli f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan se jiffaċilita l-introduzzjoni aktar kosteffettiva tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-UE kollha, b'mod partikolari f'żoni li għandhom aċċess akbar għar-riżorsi naturali jew li huma aktar adattati għall-iżvilupp ta' tali riżorsi mil-lat ġeografiku.



Adattament tal-Finanzjament: Orizzont Ewropa

Orizzont Ewropa

Orizzont Ewropa huwa l-programm ewlieni ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, b'baġit ta' EUR 95,5 biljun. Dan jindirizza t-tibdil fil-klima, jgħin biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u jagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir tal-UE. Il-programm jiffaċilita l-kollaborazzjoni u jsaħħaħ l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp, l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE, filwaqt li jindirizza l-isfidi globali. Huwa jappoġġja l-ħolqien u d-distribuzzjoni aħjar ta' għarfien u teknoloġiji eċċellenti. Joħloq l-impjiegi, jinvolti bis-sħiħ ir-riżerva ta' talent tal-UE, jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku, jippromovi l-kompetittività industrijali u jottimizza l-impatt tal-investiment fi ħdan Żona Ewropea tar-Riċerka msaħħa.



Adattament tal-Finanzjament: Fond għall-Innovazzjoni

Fond għall-Innovazzjoni

Il-[Fond għall-Innovazzjoni](#) huwa programm kbir ta' finanzjament għad-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-għan tiegħu huwa li jgħin lin-negozji jinvestu fl-enerġija nadifa u fl-industrija biex jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku, joħolqu impjegi lokali u li jibqgħu validi fil-futur, u jsaħħaħ it-tmexxija teknoloġika Ewropea fuq skala globali. Dan isir permezz ta' sejħiet għal proġetti kbar u fuq skala żgħira li jiffukaw fuq teknoloġiji u proċessi innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'industriji intensivi fl-enerġija, fuq il-qbid u l-użu tal-karbonju, fuq il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju, fuq il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli innovattiva u fuq il-ħżin tal-enerġija.



Assistenza Teknika għall-Adattament

- [Climate Adapt](#)
- [Għodda ta' Appoġġ għall-Adattament Urban](#)
- [Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus](#)
- [Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversità](#)
- [Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa](#)
- [Pjattaformi Nazzjonali ta' Adattament](#), bħal fl-Awstrija, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Kroazja, Franza, l-Irlanda, Spanja, id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja.
- Valutazzjonijiet tal-impatt tat-tibdil fil-klima, tal-vulnerabbiltà u tar-riskji permezz tal-librerija [EIONET](#)
- [Pjattaformi ta' Skambju Transnazzjonali](#), bħall-Pjattaforma tal-Adattament għall-Klima għall-Alpi jew l-Osservatorju tat-Tibdil fil-Klima tal-Pirenej
- [Networks tal-Bliet](#), bħall-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija – Ewropa, C40 Cities, Nagħmlu l-Bliet Reżiljenti jew il-Konferenza Annwali dwar il-Bliet Reżiljenti
- [Inizjattiva ta' Programmar Konġunt Ewropa Urbana](#)
- [Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa](#)
- [Assistenza Teknika għall-Effiċjenza Enerġetika Ewropea](#)
- [Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU](#)
- [Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta](#)



Assistenza Teknika għall-Adattament

Climate Adapt

[Climate-ADAPT](#) hija l-Pjattaforma Ewropea għall-Adattament għall-Klima u sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Climate-ADAPT għandha l-għan li tappoġġja lill-Ewropa fl-adattament għat-tibdil fil-klima billi tgħin lill-utenti jaċċessaw u jikkondividu data u informazzjoni dwar: it-tibdil fil-klima mistenni fl-Ewropa; il-vulnerabbiltà attwali u futura tar-reġjuni u s-setturi; strateġiji u azzjonijiet ta' adattament nazzjonali u transnazzjonali; studji ta' każijiet ta' adattament u għażliet potenzjali ta' adattament; u għodod li jappoġġjaw l-ippjanar tal-adattament.



**Climate
ADAPT**

SHARING ADAPTATION
INFORMATION
ACROSS EUROPE

Assistenza Teknika għall-Adattament

Għodda ta' Appoġġ għall-Adattament Urban

L-[Għodda ta' Appoġġ għall-Adattament Urban](#) għandha l-għan li tassisti lill-bliet, l-irħula u awtoritajiet lokali oħra fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' pjani ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Din ġiet żviluppata bħala għodda Prattika ta' gwida għaż-żoni urbani b'rikonoxximent tal-importanza tagħhom fl-ekonomija Ewropea. L-għodda tiddeskrivi l-passi kollha meħtieġa biex tiġi żviluppata u implimentata strateġija ta' adattament. Din hija mmirata lejn il-bliet li qed jibdew il-proċess kif ukoll lejn dawk aktar avvanzati fil-proċess.



Assistenza Teknika għall-Adattament

Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus

Is-[Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus](#) għandu l-għan li jappoġġja l-politiki ta' adattament u mitigazzjoni tal-Unjoni Ewropea billi jipprovdi informazzjoni konsistenti u awtorevoli dwar it-tibdil fil-klima. Dan joffri aċċess liberu u miftuħ għad-data u l-għodod b'rabta mal-klima bbażati fuq ix-xjenza disponibbli.



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Assistenza Teknika għall-Adattament

Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversità

Is-[Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversità](#) hija punt ta' dħul uniku għad-data u l-informazzjoni dwar il-bijodiversità fl-Ewropa. Din tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità, l-infrastruttura ekoloġika, il-politika u d-data dwar il-bijodiversità u oqsma oħrajn b'rabta mal-isfidi u l-futur tal-bijodiversità.



Assistenza Teknika għall-Adattament

Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa

Is-[Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa](#) (WISE) hija sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Din tnediet fl-2007, u tipprovdi aċċess permezz ta' portal tal-internet għal informazzjoni b'rabta mal-ilma li tvarja minn ilmijiet interni sa ibħra. Għall-utenti mill-istituzzjonijiet tal-UE jew amministrazzjonijiet ambjentali nazzjonali, reġjonali u lokali oħra, WISE tikkontribwixxi informazzjoni għal valutazzjonijiet tematiċi fil-kuntest tal-politiki tal-UE b'rabta mal-ilma. Għall-professionisti tal-ilma u x-xjenzati, WISE tiffaċilita l-aċċess għal dokumenti ta' referenza u data tematika, li jistgħu jitniżżlu għal analiżijiet ulterjuri. Għall-pubbliku ġenerali, inklużi entitajiet privati jew pubbliċi, WISE tipprovdi firxa wiesgħa ta' informazzjoni b'rabta mal-ilma permezz ta' mapep, ċarts u indikaturi interattivi.



Assistenza Teknika għall-Adattament

Diversi Pjattaformi Nazzjonali ta' Adattament, li jipprovdu informazzjoni speċifika għall-pajjiż

[L-Awstrija](#)

Klima | Wandel | Anpassung

[Il-Finlandja](#)



[L-Ungerija](#)



[Il-Polonja](#)



[Il-Kroazja](#)



[Franza](#)



[L-Irlanda](#)



[Spanja](#)

AdapteCCa.es

[Id-Danimarka](#)



[Il-Ġermanja](#)



[In-Netherlands](#)



[L-Iżvezja](#)

Klimatanpassning.se

Assistenza Teknika għall-Adattament

Valutazzjonijiet tal-impatt tat-tibdil fil-klima, tal-vulnerabbiltà u tar-riskji

In-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (Eionet) huwa network ta' sħubija tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u t-38 membru tiegħu u pajjiżi li jikkooperaw. Flimkien jiġbru u jiżviluppaw data, għarfien, u pariri għal dawk li jfasslu l-politika dwar l-ambjent tal-Ewropa. Dan joffri wkoll data dwar l-impatt fuq it-tibdil fil-klima u dwar il-vulnerabbiltà għal analiżi ulterjuri.



Assistenza Teknika għall-Adattament

Pjattaformi ta' Skambju Transnazzjonali

Il-Pjattaforma tal-Adattament għall-Klima għall-Alpi ([CAPA](#)) tipprovdi għarfien dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-Alpi. Din hija mmirata lejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-muniċipalitajiet, l-intraprendituri, ir-riċerkaturi u l-esperti. Hija disponibbli bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bit-Taljan u bis-Sloven.

L-Osservatorju tal-Pirenej dwar it-Tibdil fil-Klima ([OPCC](#)) huwa inizjattiva transfruntiera ta' kooperazzjoni territorjali tal-Komunità ta' Hídma tal-Pirenej. Dan għandu l-għan li jimmonitorja u jifhem il-fenomeni tat-tibdil fil-klima fil-Pirenej sabiex jgħin lit-territorju jadatta għall-effetti tiegħu.



Assistenza Teknika għall-Adattament

Networks tal-Bliet

Il-[Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija – l-Ewropa](#) huwa l-akbar moviment fid-dinja għal azzjonijiet lokali dwar il-klima u l-enerġija. Dan ilaqqa' flimkien eluf ta' gvernijiet lokali li jimpennaw ruħhom b'mod volontarju li jimplimentaw l-oġettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, u li jimxu b'mod konġunt lejn Ewropa aktar ġusta u newtrali għall-klima għaċ-ċittadini kollha tagħha. Fost affarijiet oħra, dan jipprovdi każijiet tal-aqwa prassi, u informazzjoni dwar il-finanzjament u dwar ir-riżorsi ta' adattament.

[C40 Cities](#) huwa network globali ta' sindki li qed jieħdu azzjoni urġenti biex jikkonfrontaw il-kriżi klimatika u joħolqu futur prosperu. Dan jipprovdi informazzjoni dwar iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika, l-involviment tas-soċjetà u ż-żieda fl-azzjoni klimatika.

[Nagħmlu l-Bliet Reżiljenti](#) hija inizzjattiva tal-partijiet interessati kollha għat-titjib tar-reżiljenza lokali permezz tal-promozzjoni u l-istabbiliment ta' networks ta' tagħlim bejn il-bliet li jsaħħu lil xulxin. Permezz tat-twettiq ta' pjan direzzjonali fi tliet stadji għar-reżiljenza urbana – li jipprovdi għodod, aċċess għall-għarfien, u għodod għall-monitoraġġ u r-rapportar – din l-inizzjattiva se tappoġġja lill-bliet fil-vjaġġ tagħhom biex inaqqsu r-riskju u jibnu r-reżiljenza.



Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

Assistenza Teknika għall-Adattament

Inizjattiva ta' Programmar Konġunt Ewropa Urbana

[L-Inizjattiva ta' Programmar Konġunt Ewropa Urbana](#) hija ċ-ċentru tal-għarfien għat-tranżizzjonijiet urbani. Il-kompitu taċ-ċentru huwa li jgħaqqad l-awtoritajiet pubbliċi, is-soċjetà ċivili, ix-xjenzati, l-innovaturi, in-negozji, u l-industrija biex jipprovdi ambjent produttiv għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jikkontribwixxi għall-proċessi ta' trasformazzjoni urbana. Iċ-ċentru nħoloq fl-2010 biex jindirizza l-isfidi urbani globali tal-lum bl-ambizzjoni li jiġi żviluppat ċentru Ewropew tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jikkuntattjaw liċ-ċentru u jikkollaboraw fuq strateġiji fit-tul u proġetti konġunti.



Assistenza Teknika għall-Adattament

II-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

II-[Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa](#) (FNE) hija strument ta' finanzjament ewlieni tal-UE fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u faċilitatur importanti lejn it-tilħiq tal-oġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni għall-2030 u l-2050. Din tappoġġja l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej bi prestazzjoni għolja, sostenibbli u interkonnessi b'mod effiċjenti fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u s-servizzi diġitali. L-investimenti tal-FNE jimlew l-elementi neqsin fis-sinsla diġitali, tal-enerġija u tat-trasport tal-Ewropa. L-FNE hija ta' benefiċċju għan-nies fl-Istati Membri kollha, peress li tagħmel l-ivvjaġġar aktar faċli u aktar sostenibbli, isaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa filwaqt li tippermetti użu usa' ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u tiffaċilita l-interazzjoni transfruntiera bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini.



Assistenza Teknika għall-Adattament

Assistenza Teknika għall-Effiċjenza Enerġetika tal-Ewropa

Il-Faċilità ta' Assistenza Teknika għall-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika

tappoġġja lill-benefiċjarji pubbliċi fl-iżvilupp ta' programmi bankabbli ta' investiment fl-enerġija sostenibbli. Dawn il-proġetti għandhom rabta mas-settur tal-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira u/jew it-trasport pubbliku urban. Il-faċilità għandha l-għan li tnaqqas id-distakk bejn il-pjani tal-enerġija sostenibbli u l-investimenti reali billi tappoġġja l-attivitajiet kollha meħtieġa għat-tnejjja tal-investimenti fi proġetti tal-enerġija sostenibbli.



Assistenza Teknika għall-Adattament

Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU

Iċ-[Ċentru ta' Konsulenza InvestEU](#) jikkomplementa l-Fond InvestEU billi jappoġġja l-identifikazzjoni, it-tnejjija u l-iżvilupp ta' proġetti ta' investiment fl-Unjoni Ewropea kollha. Dan iċ-ċentru, li huwa mmaniġġjat mill-Kummissjoni Ewropea u ffinanzjat mill-baġit tal-UE, jgħaqqad il-promoturi tal-proġetti u l-intermedjarji mal-imsieħba konsultattivi, li jaħdmu direttament flimkien biex jgħinu lill-proġetti jilħqu l-istadju tal-finanzjament. Iċ-ċentru huwa punt ta' dħul ċentrali għall-promoturi u l-intermedjarji tal-proġetti li jfittxu appoġġ konsultattiv u assistenza teknika fir-rigward ta' fondi ta' investiment tal-UE ġestiti ċentralment.



Assistenza Teknika għall-Adattament

Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta

Il-[Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta](#) (JTP) tipprovdi punt ta' aċċess uniku għall-appoġġ u l-għarfien dwar it-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima. Il-pjattaforma hija l-għodda ewlenija tal-UE biex tgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni jaċċessaw l-appoġġ disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, u b'hekk tiżgura tranżizzjoni ekwa u ġusta b'mod li l-ebda persuna jew reġjun ma jitħalla jibqa' lura.

